**Manwel Nicholas-Borg**

## ĦAJKU (*)

L-imħabba ratni
u riedet timxi miegħi:
stedina siekta.

Il-weraq jaqgħu
mill-friegħi kbar tas-siġar:
Il-ħajja tagħna.

Il-gwerer kollha
jikkontrollawlek ħajtek:
tgħix jonkella tmut.

Għad ħadd ma kejjel
il-medda kollha tagħha:
f'qalb m'hemmx qisien.

Le, tibqax tiġri,
jekk ma tkunx taf fejn sejjer:
waqqaf iż-żmien.

Jekk taqa' n-nida
minn l-għajnejn kbar tal-kwiekeb,
l-imħabba tibki.

Xewqat fi ħsiebek,
sigriet ta' l-eżistenza:
enimma ħajja.

Jekk inti tħobbha,
u hi ma tridx tkun miegħek,
m'hijiex għajr ajsberg.

Imsawwar f'tubu,
bi tqala artifiċjali:
tgħid rikostruwit?

Bħal ħolm li jbikki,
il-ħsibijiet jitbiegħdu,
għax emigranti.

Suġġerimenti
isiru l-ewwel passi
fl-esperimenti.

Irdietha rdieti,
aħna m'aħniex viżivi:
tnejn jagħmlu wieħed.

Jien irrid nixtri
ftit imħabba mill-irkant,
mis-suq tal-ħena.

Jekk tkun migduma
mill-parassit tal-għira,
l-imħabba timrad.

Int Alla Wieħed,
bi Tliet Dimensjonijiet;
l-ikbar Trianglu.

Kaskata ċċarċar
minn għajnejn imbikkija:
l-imħabba mietet.

(*) Iż-żewġ forom tal-Poeżija Ġappuniża, il-Ħajku u t-Tanka, daħħalhom fil-Letteratura Maltija l-qatt minsi Dr. Anton Buttiġieġ. Għall-interess tal-Membri tal-*Literature Group* tagħna, il-Ħajku huwa mqassam fi tliet versi ta' 5-7-5 sillabi, waqt li l-forma l-iżjed popolari fil-poeżija Ġappuniża, it-Tanka, fiha ħames versi ta' 5-7-5-7-7 sillabi. Sa fejn naf jien, l-ewwel kittieb Malti fl-Awstralja li ħaddem dawn il-forom huwa l-ħabib tagħna Manwel Cassar.

# IL-MALTI

RIVISTA TA'
L-AKKADEMJA TAL-MALTI


TAGĦRIF

FUQ IL-KITBA MALTIJA

MAĦRUĠ
MILL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI
FIS-SENA 1924.

MALTA
STAMPAT FL-ISTAMPERIJA TAL-GVERN
1924.
(Jinbiegħ għaxar soldi)


AKKADEMJA TAL-MALTI

L-ORTOGRAFIJA TA' NEOLOĠIŻMI ANGLO-SASSONI U RUMANZI FIL-MALTI

ŻIEDA MAT-"TAGĦRIF FUQ IL-KITBA MALTIJA" (1924)

A. PREAMBOLU

1. Il-Malti, bħall-ilsna ħajjin kollha, issellef u għadu jissellef kliem l-aktar minn dawk l-ilsna li jiġi f'kuntatt magħhom kulturalment, soċjalment, ekonomikament u kummerċjalment. Id-dħul ta' kliem barrani li l-poplu jħoss il-bżonn tiegħu jġedded u jgħawwi l-ilsien Malti, għalkemm il-Malti jibqa' fundamentalment ilsien semitiku. Ħafna mill-kliem missellef jingħata bixra fonetika, morfoloġika u grammatikali Maltin; oħrajn, li jkunu x'aktarx ġodda, ikunu jridu ż-żmien biex joqogħdu u jaddattaw ruħhom għall-Malti.

2. Fl-1924, l-Akkademja tal-Malti fasslet alfabett u ortografija ġodda għall-Malti li saru l-alfabett u l-ortografija uffiċjali fl-1934. L-alfabett u l-ortografija tal-Għaqda huma, u għandhom jibqgħu, il-bażi tal-ortografija tal-Malti. Il-biċċa l-kbira tal-kliem missellef ma naqhtux kas, meta niktbu l-Malti, jekk kelma hix joqgħod, jew qagħad, għall-ortografija Maltija, u llum imnissla mill-ilsien semitiku jew minn ilsna oħra.

3. L-iktar interferenza fl-ilsien Malti daħlet mill-ilsien Ingliż, peress li dan le jitlissen u lanqas isegwi l-fonetika jew ortografija Maltija. Terġa', l-influwenza tal-Ingliż fuq il-Malti hi kbira u sa mit-tfulija. Minħabba dan spiss jinħolqu konflitti u diffikultajiet fuq kif għandna niktbu xi kliem li daħal fil-Malti minn dan l-ilsien sew għax dan il-kliem ma joqgħodx għall-fonetika jew ortografija Maltija, sew għax ikun għadu ġdid u ma ndarax fil-Malti. Għalkemm kliem bħal dan iqajjem xi diffikultajiet fil-kittieba skond il-preferenzi tagħhom, jista' u għad isir Malti bl-użu u l-prattika.

/2.....

ŻIEDA MAT-TAGĦRIF

1924 – 1984